KUNSILL LOKALI TAL-IMQABBA
29, TRIQ IL-PARROĊĊA, L-IMQABBA MQB 1512
TEL: 2168 0622
E-MAIL: mqabba.lc@gov.mt
L-Imqabba Local Council

**Minuti tal-21 laqgħa tad-9 leġislatura tal-Kunsill Lokali tal-Imqabba li nżammet it-Tlieta 09 ta' Diċembru 2025 fis-6:00 p.m. fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, 29, Triq il-Parroċċa, l-Imqabba.**

**Preżenti** :

| | |
|---|---|
| Grace Marie Zerafa | Sindku |
| Jonathan Dingli | Viċi Sindku |
| Emanuel k.a. Noel Galea | Kunsillier |
| Owen Sciberras | Kunsillier |
| Patrick Ghigo | Kunsillier |

**Uffiċjal** :

| | |
|---|---|
| Valerie Galea | Segretarju Eżekuttiv |

Is-Sindku ippresediet il-laqgħa.

**21.01 Talba**

21.01.01 Il-laqgħa bdiet billi ntqalet it-talba mis-Sindku.

**21.02 Qari tal-ittri ta'apoloġiji**

21.02.01 Is-Segretarju Eżekuttiv (S.E.) infurmat li ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji.

**21.03 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti tal-laqgħa numru 20**

21.03.01 Il-Minuti tal-laqgħa numru 20 ġew approvati unanimament. Is-Sindku ipproponiet u l-Kunsillier Sciberras issekonda.

**21.04 Komunikazzjoni mis-Sindku**

21.04.01 Is-Sindku infurmat li llum tlesta x-xogħol fi Triq Santa Katerina mill-kuntrattur tal-*Public Works*, fejn fadal biss it-tindif tat-triq u li jgħollu t-tappieri. Għada, it-triq tkun miftuħa. Il-Kunsillieri ħadu nota ta' dan.

21.04.02 Is-Sindku qalet li x-xogħol jinsab għaddej anke fi Triq Mons Alfons Caruana mill-kuntrattur ta' IM u li bħalissa waslu fil-fażi fejn qed jgħaddu s-servizzi. Hija żiedet li fi Triq il-Lanġasa hemm għaddej ukoll xogħol simili. Il-Kunsillieri ħadu nota ta' dan.

21.04.03 Is-Sindku rreferiet għal ħofra li feġġet fi Triq tas-Sejba, fejn spjegat li l-ħaddiema tal-Kunsill intbagħtu jimlewha bil-*cold asphalt*; madankollu, kawża tax-xita, dan ma żammx kif suppost u għaldaqstant illum reġgħu ntbagħtu biex jitfgħu aktar materjal. Hija infurmat ukoll li, peress li t-tender tal-bankini u t-toroq ippubblikat riċentement, ħadd ma tefa' offerta għalih, hija

kkuntattjat lill-kuntrattur li bħalissa qed jaħdem fi Triq il-Lanġasa sabiex jara l-imsemmija ħofra u jipprovdi stima biex din tissewwa kif xieraq. Il-Kunsillieri ħadu nota ta' dan.

21.04.04 Is-Sindku qalet li kellha laqgħa mal-Perit tal-*Public Works* dwar ix-xogħlijiet ta' manutenzjoni meħtieġa fuq 3 bankini, fejn filwaqt li dik f'Misraħ Missjoni ż-Żgħira tlestiet u dik ta' Triq iċ-Ċavi se ssirilha *drop kerb*, rigward il-bankina fi Triq Dun Ġeraldu Mangion, ix-xogħol ma jistax jitwettaq faċilment minħabba problemi ta' livelli u rampi goffi eżistenti, u għalhekk ġie indikat li f'Jannar 2026 għandu jsir *onsite meeting* sabiex issir konsultazzjoni ma' kull resident individwalment biex jiġu evalwati soluzzjonijiet possibbli. Altrimenti ssir biss it-tiswija tal-wiċċ tal-bankina mingħajr ma jintmessu l-kurduni. Il-Kunsillieri ħadu nota ta' dan.

21.04.05 Is-Sindku infurmat li nhar is-Sibt talbet l-assistenza tal-Pulizija minħabba ħsara fuq il-*gutter* fi Triq Karmenu Ciantar, u ssuġġeriet l-għeluq temporanju tat-triq; madankollu, dan ma ġiex aċċettat peress li ma kienx hemm l-approvazzjoni ta' Transport Malta. Hija ppruvat ukoll tikkuntattja lis-*CEO* ta' *Infrastructure Malta* sabiex jassisti, iżda mill-informazzjoni miksuba rriżulta li l-entità m'għandhiex sezzjoni ta' emerġenza. Għaldaqstant, is-Sindku talbet l-assistenza tas-Segretarju Parlamentari Omar Farrugia, u nhar il-Ħadd il-ħaddiema tal-*Public Works* intervjenew u poġġew pjanċa temporanja fuq l-imsemmi *gutter*. Ix-xogħol ta' manutenzjoni mill-ħaddiema tal-*Public Works* huwa skedat għall-Ħamis li ġej u, fuq talba tas-Sindku, ser isir ukoll xogħol fuq il-*gutter* ta' Sqaq l-Isptar kantuniera mal-Pjazza, li wkoll jeħtieġ il-manutenzjoni. Il-Kunsillieri ħadu nota ta' dan.

21.04.06 Is-Sindku infurmat li bagħtet lill-*Infrastructure Malta*, lista ta' toroq fir-raħal li hemm bżonn li jsiru, fosthom Sqaq Buhar. Hija qalet li qed titlob iktar informazzjoni rigward Sqaq Buhar peress li, ladarba l-Kunsill intalab jipprovdi r-rispons tiegħu fl-*RWP*, dan normalment ikun ifisser li x-xogħol ikun ser jiġi skedat. Hija fakkret li x-xogħol fi Sqaq Buhar kellu jitwettaq fl-istess perjodu ta' Triq tas-Sejba, iżda minħabba l-preċedenza tax-xogħol f'din tal-aħħar, l-intervent fi Sqaq Buhar kien ġie pospost.

Is-Sindku żiedet tgħid li għadha qed tagħmel pressjoni dwar l-esproprjazzjoni ta' Triq Ġanni Darmanin għaliex, minkejja li kienet ipprovdiet id-dettalji dwar is-sid tal-għalqa u min qed jaħdimha, sal-lum għadha ma rċeviet l-ebda rispons.

Il-Kunsillieri ħadu nota ta' dan.

21.04.07 Is-Sindku rreferiet għall-każ relatat ma' tiġieġ li qed jinstabu jiġru fi Triq Ħal Kirkop u infurmat li kienet f'kuntatt mal-Pulizija tal-Komunità sabiex jiġi identifikat is-sid tal-għalqa inkwistjoni; madankollu huma m'għandhomx aċċess għall-informazzjoni relevanti tal-*Lands,* u lanqas l-*Animal Welfare* ma setgħu jintervjenu. Għalhekk intalbet ukoll l-assistenza tad-Distrett. Is-Sindku żiedet li talbet lill-Pulizija tal-Komunità sabiex jiġi identifikat ukoll is-sid ta' plot mitluq fi Triq Santa Katerina, li minnu qed joħorġu zkuk lejn it-triq u li qed ikun hemm fih anke ġrieden. Il-Kunsillieri ħadu nota ta' dan kollu.

21.04.08 Rigward il-Pjazza tal-Knisja, is-Sindku infurmat li talbet laqgħa mad-Direttur tad-Dipartiment tax-Xogħlijiet Pubbliċi sabiex jiddiskutu pjan ta' azzjoni immedjat kif ukoll għall-futur minħabba l-fatt li ammont konsiderevoli mill-madum reġa' nqala'. Il-Kunsillieri ħadu nota ta' dan.

21.04.09 Is-Sindku rreferiet għall-punt imsemmi mill-Kunsillier Galea rigward numru ta' vetturi bojod pparkjati f'Misraħ il-Fidwa li possibbilment huma marbuta ma' garaxx fi Triq Valletta u li jintużaw bħala karozzi tal-kiri, fejn kien talab biex issir pressjoni sabiex dawn jitneħħew, kif kien sar fil-lokalità tal-Gudja. Hija infurmat li meta ċċekkjat mal-President tal-AKL, huwa spjegalha li skont il-liġi huma biss il-vetturi bil-*Y Plates* li ma jistgħux jipparkjaw barra, filwaqt li vetturi oħra, sakemm ikollhom liċenzja valida u *insurance* imħallsa, ma tista' tittieħed ebda azzjoni kontra s-sidien tagħhom. Il-Kunsillieri ħadu nota ta' dan.

21.04.10 Is-Sindku infurmat li l-*Accountant* tal-Kunsill m'għadhiex tattendi l-uffiċċju, b'konsegwenza li l-*accounts* jinsabu b'lura u hemm il-ħtieġa li tittieħed azzjoni sabiex tingħalaq is-sena finanzjarja. Hija spjegat li, wara li kkonsultat mad-Direttur tal-Gvern Lokali minħabba t-tul tal-proċess ta' *tender*, ġiet ipprovduta bil-kuntatti tal-kumpanija *MGI* li taħdem ma' entitajiet tal-Gvern u li l-ingaġġ tagħha ma jirrikjedix ħruġ ta' *tender*. Is-Sindku qalet li hi flimkien mas-S.E. kellhom laqgħa ma' *MGI* fejn ġiet spjegata s-sitwazzjoni u li l-kumpanija kkonfermat id-disponibbiltà tagħha li tibda tipprovdi s-servizz minn Jannar 2026, billi tkompli x-xogħol minn Lulju 2025 'il quddiem.Il-*payroll* se tibqa' tinħadem mill-*accountant* preżenti sal-aħħar tas-sena u, mis-sena li ġejja, tgħaddi taħt ir-responsabbiltà ta' *MGI*. Il-ħlas għas-servizz se jibqa' l-istess ammont li kienet titħallas l-*Accountant* tal-Kunsill. Il-Kunsillieri ħadu nota ta' dan.

21.04.11 Is-Sindku infurmat li l-avukat tal-Kunsill ipproponiet li l-laqgħa mas-sidien tal-*bars* u tal-każini fil-Pjazza tar-raħal, dwar l-imwejjed u s-siġġijiet, issir nhar il-15 ta' Diċembru 2025. Mill-uffiċċju bgħatna komunikazzjoni lis-sidien imsemmija dwar dan u qed nistennew konferma tal-attendenza tagħhom. F'każ li ma jkunux jistgħu jattendu, il-laqgħa tiġi posposta għal Jannar 2026. Il-Kunsillieri ħadu nota ta' dan.

21.04.12 Is-Sindku infurmat li rigward l-applikazzjonijiet sottomessi għal Skemi Finanzjarji, l-applikazzjoni SPI.SCI.06.2025 (Fond ta' Manutenzjoni u Sostenn ta' Proġetti Infrastrutturali Maġġuri mwettqa mill-Gvern Ċentrali) ġiet approvata u l-Kunsill ingħata l-ammont massimu ta' €30,000; filwaqt li l-applikazzjoni SPI.SCI.07.2025 (Finanzjament għal Komunitajiet aktar b'saħħithom u ta' kwalità) ġiet ukoll approvata, għalkemm s'issa l-ammont tal-finanzjament għadu ma ġiex ikkomunikat lill-Kunsill. Il-Kunsillieri ħadu nota ta' dan.

21.04.13 Is-Sindku ġibdet l-attenzjoni tal-Kunsill dwar il-laqgħa tar-Reġjun Punent relatata mal-*Budget*, li għaliha l-Kunsill kollu kien mistieden iżda li għaliha m'attenda l-ebda Kunsillier, apparti s-Sindku stess. Hija qalet ukoll li l-attendenza in ġenerali għal din il-laqgħa ma kinitx waħda pożittiva, minħabba nuqqas ta' parteċipazzjoni anke minn Kunsilli oħra fi ħdan ir-Reġjun. Il-Kunsillieri ħadu nota ta' dan.

21.04.14 Is-Sindku fakkret dwar il-Bibita tal-Għaqdiet tal-11 ta' Jannar 2026, li kien hemm qbil sabiex issir fl-Isptar il-Qadim. Madankollu, kif indikat mis-Sindku u kif ġibdet anke l-attenzjoni s-S.E., peress li l-inawgurazzjoni tar-restawr tal-Isptar il-Qadim, li għaliha ġew allokati EUR 80,000 f'fondi mil-LESA, għadha ma seħħitx, ma kienx xieraq li ssir il-Bibita qabel l-inawgurazzjoni. Għaldaqstant, is-Sindku pproponiet li l-attività ssir f'San Bażilju. Il-Kunsillieri qablu ma' din il-proposta u ġie deċiż li jsir kuntatt mal-Kappillan dwar l-arranġamenti meħtieġa.

**21.05** **Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

21.05.01 Il-Viċi Sindku staqsa dwar il-funtana fi Ġnien Mikelanġ Sapiano. Is-S.E. infurmat li s'issa ma nstabx min jista' jwettaq *water leak detection* waqt li l-funtana tkun qed taħdem, peress li l-ħoss tagħha jfixkel li jinstema l-ħoss ta' xi *water leak.* Il-Kunsillieri ddiskutew diversi alternattivi relatati mal-manutenzjoni ta' din il-funtana u, wara ntlaħaq qbil sabiex il-Viċi Sindku jerġa' jikkuntattja lil Joe, li kien involut fit-tiswija tal-funtana tal-Ġnien tal-Mentna, filwaqt li s-Sindku qablet li tipprova tidentifika wkoll min jista' jgħin fit-twettiq ta' din il-manutenzjoni. Il-Kunsillieri ħadu nota ta' dan.

21.05.02 Il-Kunsillier Galea staqsa dwar id-dawl tat-triq li ilu rrappurtat u għadu ma jixgħelx, fosthom il-lampa tat-triq fi Pjazza Ġublew tad-Djamanti biswit il-mekkanik kif ukoll dik fi Triq il-15 ta' Settembru biswit il-ħanut li jbiegħ il-laħam. Is-S.E. qalet li se tiċċekkja fuqhom filwaqt li s-Sindku reġgħet talbet lista aġġornata ta' ħasarat tad-dawl tat-triq li għadhom pendenti. Il-Kunsillieri ħadu nota ta' dan.

21.05.03 Il-Kunsillier Galea staqsa dwar ir-Rapport Tekniku ppreżentat mill-Kunsill Lokali lil *Transport Malta* u *Infrastructure Malta*. Is-Sindku wieġbet li s'issa għadna ma rċevejna l-ebda rispons, filwaqt li talbet lis-S.E. sabiex tibgħat *reminder* f'dan ir-rigward. Il-Kunsillieri ħadu nota ta' dan.

21.05.04 Il-Kunsillier Galea staqsa lis-Sindku jekk Triq il-Madonna tal-Ġilju hix inkluża fil-lista tat-toroq sottomessa lil *Infrastructure Malta*, u s-Sindku wieġbet li din ilha inkluża u li mill-informazzjoni li għandha, ix-xogħlijiet fit-triq mhux se jibdew qabel jitlesta l-bini tal-BOV. Hija qalet ukoll li fl-imsemmija triq hemm problemi sinifikanti relatati mal-livelli u li, meta jiġi biex isir ix-xogħol, il-proċess mistenni jkun wieħed diffiċli minħabba l-possibbiltà li numru ta' residenti jirrifjutaw li jirranġaw il-livelli tal-*garages* tagħhom. Il-Kunsillieri ħadu nota ta' dan.

21.05.05 Il-Kunsillier Galea staqsa jekk il-*cameras* fil-Pjazza humiex operattivi, jekk hemmx xi rispons dwar dak li qed iseħħ, u jekk għandnix rendikont tan-numru ta' ċitazzjonijiet li qed jinħarġu. Is-Sindku wieġbet li l-*cameras* qed jaħdmu u spjegat li, minħabba r-regolamenti tal-*GDPR*, ma jistgħux jingħataw dettalji dwar il-persuni li rċevew ċitazzjoni, filwaqt li infurmat li fil-bidu tal-operat tagħhom kienu nħarġu madwar 32 ċitazzjoni. Il-Kunsillieri ħadu nota ta' dan.

**21.06** **Karnival – 2026**

21.06.01 Is-Sindku infurmat li s'issa għadna ma rċevejna l-ebda rispons dwar l-applikazzjoni għall-iskema finanzjarja SPI.SCI.05.2025 (Espressjoni ta' Interess – Finanzjament Karnival 2026) li ġiet sottomessa, u esprimiet it-tħassib tagħha minħabba l-possibbiltà ta' dewmien fl-organizzazzjoni tal-attività jekk il-fondi jiġu approvati tard. Il-Kunsillier Ghigo qal li kien diġà f'kuntatt mal-Kumpanija *Dream Team*, li kkonfermaw id-disponibbiltà tagħhom biex jipparteċipaw fiż-żifna tal-Karnival, u li se jikkuntattja wkoll lil Joseph Abela ta' Ħal Tarxien. Il-Kunsillieri ddiskutew din l-attività ppjanata għad-9 ta' Frar 2026 fil-Pjazza,

29, TRIQ IL-PARROĊĊA, L-IMQABBA MQB 1512
TEL: 2168 0622
E-MAIL: mqabba.lc@gov.mt
L-Imqabba Local Council


inkluż l-armar ta' palk u l-ispejjeż relatati f'każ li ningħataw il-massimu ta' finanzjament li jammonta għal EUR 5,000. Il-Kunsillieri ħadu nota ta' dan.

**21.07** ***Administration Officer I (Scale 12)***

21.07.01 Is-Sindku infurmat li l-vakanza għall-pożizzjoni ta' *Administration Officer I (Scale 12)* ġiet ippubblikata u għalqet, u li ġew irċevuti diversi applikazzjonijiet. Hija talbet lis-S.E. sabiex tipprovdi lista ta' min mill-applikanti huwa eliġibbli skont il-kwalifiki u r-rekwiżiti stabbiliti, sabiex isiru l-intervisti. Ġie deċiż li l-intervisti jsiru nhar il-Ġimgħa 9 ta' Jannar 2026 mid-9:30 a.m. 'l quddiem, u kien hemm qbil li l-bord tal-intervisti jkun kompost mis-Sindku, il-Viċi Sindku u l-Kunsillier Sciberras. Il-Kunsillieri ħadu nota ta' dan.

**21.08** **Applikazzjonijiet tal-Awtorità tal-Ippjanar**

21.0.01 Minn fost il-lista ta' applikazzjonijiet tal-Awtorità tal-Ippjanar, imtella mill-*EAPPS* mill-aħħar laqgħa tal-Kunsill sal-lum, li s-S.E. ippreżentat lill-Kunsillieri, il-Kunsillieri qablu li ma hemmx dwar xhix il-Kunsill għandu joġġezzjona jew jibgħat rappreżentazzjoni.

**21.09** **Korrispondenza u ordnijiet ta' xogħlijiet**

21.09.01 Korrispondenza mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali dwar l-Allokazzjoni Finanzjarja għall-2026 (Ċirkulari Nru 06/2025), fejn l-ammont allokat għall-Kunsill Lokali tal-Imqabba jammonta għal EUR 345,572.00. Il-Kunsillieri ħadu nota ta' dan.

21.09.02 Korrispondenza mingħand *Districts Operations Ltd.* dwar il-*Performance Bonus* għas-sena 2025 ta' Josef Farrugia u Natasha Vassallo. Fir-rigward ta' Natasha Vassallo, is-Sindku qalet li ma tħossx li għandha tapprova l-*performance bonus* kollu għall-mod u r-raġuni tat-tluq tagħha. Is-S.E. spjegat li l-imsemmi *performance bonus* ikopri l-aħħar kwart tas-sena 2024 kif ukoll l-ewwel, it-tieni u t-tielet kwart tas-sena 2025, u li l-aħħar kwart tas-sena 2025, li jaqa' fil-perjodu tat-tluq ta' Natasha, għandu jitressaq għall-approvazzjoni flimkien ma' dak tas-sena 2026. Il-Kunsillieri preżenti qablu li jiġi approvat il-*performance bonus* sal-aħħar tat-tielet kwart tas-sena 2025, filwaqt li dak relatat mal-aħħar kwart ma jiġix approvat.

21.09.03 Korrispondenza mingħand il-Kappillan Dun Blake rigward talba għal kollaborazzjoni mill-Kunsill Lokali b'rabta ma' attività ta' ġbir ta' fondi għall-karità, li se tiġi organizzata nhar is-Sibt 21 ta' Frar 2026 mill-Parroċċa tal-Imqabba flimkien mas-sezzjonijiet taż-żgħażagħ taż-żewġ każini tal-banda, permezz ta' *tournament* tal-futbol fil-grawnd tal-futbol tal-Imqabba, bil-għan li jinġabru fondi għall-assoċjazzjoni *"Smiling with Jerome"*. Wara diskussjoni, u fuq proposta tas-Sindku, il-Kunsillieri preżenti qablu unanimament li l-Kunsill jikkollabora billi jipprovdi t-*trophies* u l-medalji.

21.09.04 Is-S.E. qrat il-korrispondenza mibgħuta mill-Kunsill Lokali lil Transport Malta kif ukoll ir-risposta irċevuta, dwar il-problema bl-ipparkjar ta' vetturi fi Triq il-Parroċċa, li qed tikkawża ostakli fl-aċċess għal garaxxijiet, residenzi, rziezet u għelieqi, kif ukoll riskji għas-sigurtà fit-traffiku. Wara diskussjoni, il-Kunsilliera preżenti qablu unanimament li għandhom jiġu applikati *double yellow lines* fuq iż-żewġ naħat tat-triq, anke peress li l-ipparkjar fuq iż-żewġ naħat qed inaqqas l-ispazju tat-traffiku fi triq li hija *two-way*. Is-Sindku kkonfermat li ċ-

*Childcare Centre* f'din it-triq diġà għandu *dedicated, timed alighting/boarding bay*. Il-Kunsilliera ħadu nota ta' dan.

**21.10 Ilmenti u Suġġerimenti**

21.10.01 Il-Viċi Sindku ressaq ilment dwar il-*Pelican Crossing* fi Triq il-Konvoj ta' Santa Marija, faċċata ta' Ġnien Mikielanġ Sapiano, fejn ġie nnutat li l-ħin allokat biex il-*pedestrians* ikunu jistgħu jaqsmu, qed jaqleb wisq malajr, u li hemm il-ħtieġa li jiżdied. Is-S.E. qalet li se tinforma lill-persuna nkaarigata mit-tiswija ta' dawn it-*traffic lights* sabiex, jekk hu possibbli, jiġi aġġustat il-ħin. Il-Kunsillieri preżenti ħadu nota ta' dan.

21.10.02 Il-Kunsillier Galea staqsa jekk is-Sur Lawrence ħadimx fuq id-dawl ta' Ġnien Onġi Onġella, fuq l-installazzjoni tas-sistema *dusk-to-dawn (photo cell)*. Is-S.E. wieġbet li se tiċċekkja dwar dan. Il-Kunsillieri preżenti ħadu nota ta' dan.

21.10.03 Il-Kunsillier Ghigo ressaq ilment dwar skart illegali li qed jintefa' fi plot mitluqa fi Triq il-Franka. Is-Sindku fakkret lis-S.E. li dan il-każ kien suppost li diġà ġie riferut lis-Sanità. Il-Kunsillieri preżenti ħadu nota ta' dan.

**21.11 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti numru 09/21**

21.11.01 L-iskeda tal-pagamenti nru 09/21 ġiet approvata.

**21.12 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

21.12.01 Il-laqgħa ntemmet fis-7:30 pm u ġie deċiż li l-laqgħa li jmiss issir nhar it-Tlieta 13 ta' Jannar 2026 fis-5:45 pm.

Konfermati illum it-Tlieta 13 ta' Jannar 2026.

| **IFFIRMATI** | **IFFIRMATI** |
|---|---|
| **Grace Marie Zerafa**<br>**Sindku** | **Valerie Galea**<br>**Segretarju Eżekuttiv** |